MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-9 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 1801/2001/1

**Joan Mangion.**

**vs.**

**Kaled Engak.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu f'April ta' l-1997 u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

Illi l-imsemmi Kaled Engak irrenda ruhu hati fil-konfront ta' martu l-attrici, ta' swat eccessi, mohqrija, theddid, sevizzji u ngurji gravi b'mod li l-konvivenza bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli;

Illi *inoltre* l-istess konvenut kien abbanduna istanti f'Awissu 2000;

Illi l-konvenut ghandu obbligu li jmanti lil martu;

Illi ghalhekk l-istess attrici tablet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-istess konvenut;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas retta alimentari lill-attrici li tigi stabbilita minn din il-Qorti b'dawk il-modalitajiet li jigu wkoll stabbiliti;

3. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti;

4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss, l-oggetti kollha dotali u dawk parafernali taghha, nkluzi flus, u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi likwidat;

5. Tapplika kontra l-konvenut id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili;**

6. Tikkonferma illi l-attrici ghandha jedd tibqa` tabita wahedha flimkien ma' binha minuri fid-dar matrimonjali u dan ad eskluzjoni tal-konvenut.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut li jibqa` ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 7 tal-process;

Rat li it-talbiet attrici huma enumerati hazin b'mod li fit-talbiet in-numru tlieta (3) jirrizulta li gie maqbuz u ghalhekk permezz tal-prezenti tordna l-korrezzjoni tal-istess talbiet b'dan li s-sitt talbiet proposti mill-attrici jigu enumerati rispettivament bin-numri 1,2,3,4,5, u 6, b'mod li t-talbiet enumerati 4,5,6,7, jigu jaqraw minflok 3,4,5, u 6, kif hawn indikat.

Rat il-verbali tat-22 ta' Marzu 2002, tas-6 ta' Gunju 2002 fejn Dr. Tanya Sammut talbet li ssir notifika skond l-Art. 187 (3) tal-Kap 12; tas-27 ta' Novembru 2002 fejn giet nominata Dr. Josette Demicoli bhala Assistent Gudizzjarju; u tad-19 ta' Frar 2003 fejn Dr. Tanya Sammut ghall-attrici ddikjarat li ghal issa ma tinsistix ghall-manteniment peress li bhalissa l-attrici ghandha mpjieg u l-Qorti tat il-fakolta` lill-konvenut sabiex fi zmien ghoxrin (20) gurnata jipprezenta nota t'osservazzjonijiet lid-difensur tal-kontroparti li jkollu wkoll ghoxrin (20) gurnata biex jirrispondi u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-9 t'April 2003.

Rat ir-rikors ta' l-attrici tad-19 ta' Novembru 2002 fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tawtorizza l-ammissjoni tax-xhieda *ai termini* ta' l-art. 156 (7) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; rat id-digriet ta l-20 ta' Novembru 2002 fejn il-Qorti laqghet it-talba.

Rat in-nota ta' l-attrici tas-16 ta' Dicembru 2002 li biha esebiet l-affidavit taghha stess u d-dokumenti mmarkati bhala Dok. "JM 1" sa Dok. "JM 19";

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju ta' l-10 ta' Jannar 2003 fejn xehdet l-**attrici**; u tat-12 ta' Frar 2003;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut ta' l-14 ta' Marzu 2003 a fol. 214;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet attrici tal-24 ta' Marzu 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJET

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut immaltratta lill-martu b'kull mod immaginabbli, u dan mhux biss talli l-konvenut gab lill-hutu, Sirjani, litteralment jghixu minn fuqhom, izda billi naqas li jmantni u jissapportja b'xi mod lill-martu, sakemm sahansitra, wara li gieghel lill-attrici temigra lejn il-Kanada, abbanduna lill-attrici fil-Kanada, tant li hija kienet kostretta terga' lura Malta ma' binha f'Novembru 2000. Veru li wara dan, fi Frar 2001, huwa ttenta jerga jghix ma' l-attrici, pero` l-attrici hasset li hi kienet soffriet bizzejjed, u ma accettatx, b'dan li nbdew il-proceduri ta' separazzjoni fl-10 t'April 2001 quddiem din l-Onorabbli Qorti tas-Sekond' Awla Civili.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li ppruvat ukoll, tul il-permanenza taghha mal-konvenut sakemm abbandunaha f'Awissu 2000, il-konvenut kien hati verso l-attrici ta' vjolenza domestika, haga ta' ghajb ghall-persuna li tipprattikaha, u li din il-Qorti tikkundanna bl-aktar mod assolut. Jidher il din il-vjolenza giet prattikata kemm b'mod fiziku u kemm psikologiku kemm fuq l-attrici kif ukoll fuq binha, fejn anke saru diversi rapporti lill-Pulizija u wkoll f'okkazzjoni minnhom il-kaz tressaq il-Qorti, u l-konvenut kien ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu (fol. 41 sa fol. 52).

Illi bizzejjed issir riferenza ghax-xhieda prodotta f'din il-kawza li lkoll jindikaw li l-istess konvenut rrenda ruhhu hati verso l-attrici ta' swat, eccessi, mohqrija, theddid, sevizzji u ngurji gravi verso l-attrici, u dan apparti dak gja fuq premess jinkludi wkoll li li l-istess konvenut qatt ma mantna lill-attrici li baqghet tahdem hija u mill-istess xoghol taghha kienet thallas ukoll l-ispejjez tal-hajja, il-pagamenti tad-dejn fuq id-dar parafernali taghha, u spejjez ta' edukazzjoni ta' l-istess binha, u ghalhekk abbazi tal-premess l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha.

Illi jidher ukoll mill-provi li l-fond "Elmar" 20, Guze Ellul Street, Gwardamangia, huwa proprjeta` parafernali ta' l-attrici, u dan jghodd ukoll ghall-mobbli kollha li hemm fl-istess dar, inkluz id-dejn li hemm rigwardanti l-istess fond fl-ammont li fit-3 ta' Mejju 2001 kienu jaqra s-somma ta' hdax-il elf, erba` mija u sebgha u ghoxrin lira Maltija u sebgha u disghin centezmu ( Lm11,427.97) (Dok. "JM 9") u dan peress li l-istess fond gie akkwistat mill-attrici qabel iz-zwieg taghha mal-konvenut, permezz ta' kuntratt datat 5 t'Awissu 1998 (Dok. "JM 8".); illi l-istess self mill-Lohombus Bank gravanti l-istess fond kien qed jithallas lill-istess attrici u dan mill-introjtu taghha u fil-fatt l-istess self jinsab intestat fuq l-attrici (fol.63 sa 66 tal-process).

Illi bhala parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti hemm:

(a) vettura Maruti Jeep mixtrija bil-prezz ta' erbat elef u tlett mitt lira Maltija (Lm4,300) li fuqha baqgha dejn ta' elfejn, erba` mija u hmistax-il lira Maltija (Lm2,415.00). Mill-prezz thallsu sitt mija u disghin lira Maltija (Lm690.00) bejn il-partijiet, u elf u hamsa u tletin lira Maltija (Lm1,035) mill-attrici wara li l-konvenut abbanduna lill-attrici (fol. 77 sa fol. 86). Din jidher li tinsab illum bil-hsara kkagunata mill-konvenut (*vide fol.* 105 tal-process).

(b) *accounts* fil-Lombard Bank, wiehed f'isem il-konvenut miftuh bhala *savings account 4149120* fil-15 ta' Novembru 1996 u gie maghluq fid-9 ta' Mejju 2000 skond kif jirrizulta mid-dokumenti "JS 1" u "JS 2" li huwa kont uniku pero' kien inbiddel in-numru bhala procedura u riorganizzazzjoni ta' l-istess Bank kif xehed Joseph Scicluna, rappresentant ta' l-istess Bank fit-12 ta' Frar 2003, u allura ma jidher li hemm xejn fl-istess depoziti peress li dawn gew maghluqa mill-konvenut innifsu.

(c) mija u sittin (160) sehem fil-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "JM 18" – fol. 87)

(d) l-ishma kollha tas-socjeta` Eagle Technology Limited (Dok "JM19" – fol. 88 sa 97) li kienet tigi operata mill-konvenut (seduta ta' l-10 ta' Jannar 2003) ma' liema socjeta` kien ukoll impjega lil huh.

(e) depoziti fil-Bank of Valletta p.l.c. elenkati bid-Dokumenti “PG 2” sa “PG8”.

Illi jidher li l-konvenut kellu kont mal-Lombard Bank (Malta) p.l.c Nru. 5014152644 miftuh fil-15 ta’ Novemberu 1996 u maghluq minnu fid-9 ta’ Mejju 2000 fejn gabar diversi ammonti.

Illi jirrizulta wkoll li l-kontendenti kellhom erba` mitt (400) sehem f’azzjonijiet tal-Bank of Valletta p.l.c. li kienu gew mibjugha, u wkoll li l-istess attrici utilizzat depozitu li kellha ma’ l-H.S.B.C. Bank (Malta) p.l.c. fl-ammont ta’ elf lira Maltija (Lm1,000) u dan gie maghluq fis-6 ta’ Marzu 1999. (Dok. “JM 11 – A – D”).

Illi ma dan irid jizdied li kien hemm xi depoziti fil-Bank of Valletta p.l.c. fosthom *f’joint account* 1491018017 li nfetah fit-18 ta’ Gunju 2001 u llum ghandu bilanc fih ta’ lira Maltija u erbgha u sebghin centezmu Lm1.74 (Dok. “PG2”), apparti dan hemm account iehor f’isem l-istess attrici bhala *Joan Calleja account Sean* – numru 18603647043 li ghandhu bilanc ta’ lira Maltija u hamsa u sittin centezmu (Lm1.65), (Dok. “PG4”), u fl-ahharnett hemm kont iehor f’isem attrici li nftetah fit-22 ta’ Settembru 2001 u li fih hemm l-ammont ta’ elf, wiehed u tletin lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm1031.81). (Dok. “PG3”) u iehor f’isem ukoll l-attrici Numru 18603647056 li ghandu blanc ta’ lira Maltija u seba` centezmi (Lm1.07) (Dok. “PG 5”) u iehor numru 186033647069 *current account* li hemm bilanc ta’ sitt liri Maltin u seba` centezmi (Lm6.07). (Dok. “PG 6”); apparti zewg kontijiet ohra f’isem l-attrici numri 1860367072 (bilanc Lm0.51) u 400102208048 (bilanc Lm5.92) li jinsabu esebiti bhala Dok. “PG7” u Dok. “PG8”. (*vide* xhieda Paul Gambina tat-12 ta’ Frar 2003).

Illi ghalhekk in vista tal-premess u tal-provi prodotti f’din il-kawza din il-Qorti tiddikjara xolta l-istess komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-partijiet u dan b’effett minn Awissu 2000, dan anke b’applikazzjoni ta’ l-**artikolu 48 (1) (c) tal-Kap 16,** u tillikwida l-istess u jigi ddikjarat li din tikkonsisti fil-

vettura Maruti Jeep, li fuqha hemm dejn ta’ elfejn, erba` mija u hmistax-il lira Maltija (Lm2,415.00), d-depoziti li hemm fil-Bank of Valletta p.l.c. li jinsabu identifikati bhala Dok. “PG2” sa Dok. “PG 8” u fuq elenkati, mija u sittin (160) sehem fil-Bank of Valletta p.l.c, u ishma fis-socjeta’ Eagle Technology Limited, li taghha l-konvenut huwa l-unika azzjonist u direttur, u dan apparti s-self li hemm fuq l-istess dar parafernali ta’ l-attrici fl-ammont li fit-3 ta’ Mejju 2001 kien jaqra fis-somma ta’ hdax-il elf, erba` mija u sebgha u ghoxrin lira Maltija u sebgha u disghin centezmu (Lm11,427.97) (Dok. “JM 9”).

Illi ghalhekk in vista tal-premess, u wara li hadhet in konsiderazzjoni l-fatt li wara li l-konvenut abbanduna lill-attrici f’Awissu 2000 u hija baqghet thallas id-dejn fuq il-karozza fl-ammont ta’ elf u hamsa u tletin lira Maltija (Lm1,035), din il-Qorti tassenja lill-attrici d-dejn kollha gravanti l-fond parafernali taghha “Elmar” 20, Guze Ellul Street, Gwardamangia, li fit-3 ta’ Mejju 2001 kien jaqra fis-somma ta’ hdax-il elf, erba` mija u sebgha u ghoxrin lira Maltija u sebgha u disghin centezmu (Lm11,427.97) (Dok. “JM 9”), flimkien ma’ l-ishma kollha ezistenti mal-Bank of Valletta p.l.c. u wkoll id-depoziti kollha li hemm fil-Bank of Valletta p.l.c. u fuq elenkati bhala Dok. “PG 2” sa Dok. “P.G. 8”, mentri l-konvenut qed jigi assenjat il-karozza Maruti, bid-dejn kollu li hemm fuqha, liema vettura gja tinsab fil-pussess tieghu, u wkoll l-ishma kollha tas-socjeta’ Eagle Technology Limited, bl-assi kollha taghha u d-dejn kollhu gravanti l-istess, u dan apparti kull depozitu mal-Lombard Bank (Malta) p.l.c f’isem l-istess konvenut.

Illi d-dar fuq imsemmija u l-mobbli kollha ta’ go fiha jidhru li huma kollha parafernali ghall-istess attrici u l-istess konvenut m’ghandu ebda dritt fuqhom u *nonostante* xi allegazzjonijiet dwar xi effetti mobbli bhal *air conditioners* u effetti personali tieghu fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet tieghu, l-konvenut ma kellu l-ebda prova dwar l-istess. L-istess jista’ jinghad fuq dak kollu ndikat minnu fl-istess nota ta’ l-osservazzjonijiet inkluz l-allegazzjoni tieghu li hallas elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500) mis-self fuq id-dar, allegazjoni li ma hija bl-ebda mod sostanzjata.

Illi din il-Qorti in vista tar-rizultanzi tal-provi fuq prodotti, tordna li l-provizzjonijiet ta’ l-**artikoli 48 u 51 tal-Kap 16** jigu applikati *in toto* fil-konfront tal-konvenut li abbuza mill-attrici b’mod sfaccat u d-data ta’ meta l-istess konvenut ta lok ghas-separazjoni ghandha tigi definita bhala dik ta’ Awissu 2000.

Illi dwar it-talba ta’ manteniment li l-istess attrici qed taghmel fil-konfront tal-konvenut jidher li l-istess konvenut kien jahdem bhala *mechanical engineer* mas-socjeta’ Nylon Knitting Co. Limited mis-6 ta’ Settembru 1999, izda l-istess konvenut kien irrezenja mill-istess impjieg fit-12 ta’ Mejju 2000 u hawn kien impjegat verso il-paga ta’ sebat elef lira Maltija (Lm7,000) fis-sena. Illi jidher li l-istess konvenut kien rregistra l-kumpanija fuq indikata fil-11 ta’ Marzu 1999 fejn huwa kien l-unika direttur taghha pero’ ma jidhirx li din illum qed topera u ghalhekk f’dan il-mument m’hemm ebda prova li l-istess konvenut ghandu xi forma ta’ introjtu u ghalhekk fil-waqt li l-istess Qorti tafferma id-dritt ta’ l-attrici li tigi mantnuta mill-konvenut, tali talba llum ma tistax tigi milqugha u dan peress li llum l-istess attrici ghandha impjieg taghha mentri l-konvenut jidher li ma hemm l-ebda prova dwar l-introjtu attwali tieghu.

Illi dwar il-hames (5) talba din wkoll ghandha tigi milqugha, anke ghaliex l-istess proprjeta’ hija parafernali ghall-attrici, apparti li l-konvenut m’ghandux jithalla jersaq lejn l-istess fond minhabba dak fuq preciz, inkluz il-kazi ta’ vjolenza domestika pperpetrata minnu fil-konfront ta’ l-attrici.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, filwaqt li **tichad ir-raba` talba attrici, tilqa’ t-talbiet attrici l-ohra kollha numri wiehed (1), tnejn (2), tlieta (3), hamsa (5) u sitta (6)** biss kif hawn deciz b’dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-istess konvenut u dan peress li l-istess konvenut rrenda ruhhu hati verso l-attrici ta' swat, eccessi, mohqrija, theddid, serizzji u ingurji gravi, u li kawza ta' l-istess agir tal-konvenut iz-zwieg tkisser irremedjabbilment.

2. Tichad din it-talba kif mitluba sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallas retta alimentari lill-attrici li tigi stabbilita minn din il-Qorti b'dawk il-modalitajiet li jigu wkoll stabbiliti u dan peress li jirrizulta li l-attrici ghandha l-impjieg u introjtu taghha u mill-provi prodotti ma jirrizultax li attwalment l-istess konvenut ghandu xi forma ta' introjtu, pero' id-dritt ta' manteniment ta' l-attrici jibqa' veljanti fil-kaz li fil-futur hija ma jkollhiex introjtu u jigi ppruvat li l-konvenut ghandu l-mezzi u l-introjtu tieghu.

3. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti b'effett minn Awissu 2000; tiddikjara li l-istess komunjoni ta' l-akkwisti tikkonsisti fil-vettura Maruti Jeep, li fuqha hemm dejn ta' elfejn, erba` mija u hmistax-il lira Maltija (Lm2,415.00), id-depoziti li hemm fil-Bank of Valletta p.l.c. li jinsabu identifikati bhala Dok. “PG2” sa Dok. “PG 8” u fuq elenkati, mija u sittin (160) sehem fil-Bank of Valletta p.l.c, u ishma fis-socjeta' Eagle Technology Limited, li taghha l-konvenut huwa l-unika azzjonist u direttur, u dan apparti s-self li hemm fuq l-istess dar parafernali ta' l-attrici fl-ammont li fit-3 ta' Mejju 2001 kien jaqra fis-somma ta' hdax-il elf, erba` mija u sebgha u ghoxrin lira Maltija u sebgha u disghin centezmu Lm11,427.97 (Dok. “JM 9”).

Illi minhabba dak fuq premess u deciz din il-Qorti tillikwida l-istess komunjoni ta' l-akkwisti u tassenja lill-attrici d-dejn kollha gravanti l-fond parafernali taghha “Elmar” 20, Guze Ellul Street, Gwardamangia, li fit-3 ta' Mejju 2001 kien jaqra fis-somma ta' hdax-il elf, erba` mija u sebgha u ghoxrin lira Maltija u sebgha u disghin centezmu (Lm11,427.97) (Dok. “JM 9”), flimkien ma' l-ishma kollha ezistenti mal-Bank of Valletta p.l.c. fl-ammont ta' mija u sittin (160) sehem u wkoll id-depoziti kollha li hemm fil-Bank of Valletta p.l.c. fuq elenkati bhala Dok. “PG 2” sa

Dok. “P.G. 8”, mentri l-konvenut qed jigi assenjat l-karozza Maruti, bid-dejn kollu li hemm fuqha, liema vettura gja tinsab fil-pussess tieghu, u wkoll l-ishma kollha tas-socjeta’ Eagle Technology Limited, bl-assi kollha taghha u d-dejn kollu gravanti l-istess, u dan apparti kull depozitu mal-Lombard Bank (Malta) p.l.c f’isem l-istess konvenut.

4. Tichad din it-talba fejn intalab li jigi ikkundannat il-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss, l-oggetti kollha dotali u dawk parafernali taghha, nkluzi flus, u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi likwidat, u dan peress li mill-provi jirrizulta li l-oggetti paraferali kollha tal-attrici gja jinsabu fil-pussess taghha u dan inkluz il-fond “Elmar” 20, Guze Ellul Street, Gwardamangia, u wkoll il-mobbli kollha li biha huwa adebit l-istess fond.

5. Tapplika kontra l-konvenut id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili** *in toto*;

6. Tikkonferma illi l-attrici ghandha jedd tibqa` tabita wahedha flimkien ma’ binha minuri fid-dar matrimonjali u dan ad eskluzjoni tal-konvenut.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------